

L-Erbgħa 26 ta' Mejju 2016

P8\_TA(2016)0234

## **Inwasslu patt ġdid għall-konsumaturi tal-enerġija**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Mejju 2016 dwar "Inwasslu Patt Ġdid għall-Konsumaturi tal-Enerġija" (2015/2323(INI))**

(2018/C 076/15)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Lulju 2015, bl-isem "Inwasslu Patt Ġdid għall-Konsumaturi tal-Enerġija" (COM(2015)0339),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Lulju 2015 bit-titolu "Tnedija tal-proċess ta' konsultazzjoni pubblika dwar disinn ġdid tas-suq tal-enerġija" (COM(2015)0340),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Frar 2016 bit-titolu "Strateġija tal-UE dwar it-Tisħin u t-Tkessiħ" (COM(2016)0051),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Frar 2015 bit-titolu "Qafas Strateġiku għal Unjoni tal-Enerġija Reżiljenti b'Politika dwar it-Tibdil fil-Klima li tħares 'il quddiem" (COM(2015)0080),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Novembru 2014 intitolata "Pjan ta' Investiment għall-Ewropa" (COM(2014)0903),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012 bit-titolu "Lejn suq intern tal-enerġija effiċjenti" (COM(2012)0663),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Marzu 2011 bit-titolu "Pjan direzzjonali għal ekonomija kompetittiva b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fl-2050" (COM(2011)0112),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Diċembru 2011 bit-titolu "Pjan Direzzjonali għall-Enerġija 2050" (COM(2011)0885),
- wara li kkunsidra t-Tielet Pakkett dwar l-Enerġija,
- wara li kkunsidra d-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza fl-enerġija, li temenda d-Direttivi 2009/125/KE u 2010/30/UE u li tħassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE,
- wara li kkunsidra d-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE,
- wara li kkunsidra d-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija,
- wara li kkunsidra d-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni tad-data personali,
- wara li kkunsidra d-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2005 dwar prattiċi kummerċjali żleali,
- wara li kkunsidra d-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar drittijiet tal-konsumatur,
- wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2012/148/EU tad-9 ta' Marzu 2012 dwar it-tħejjijiet għall-introduzzjoni ta' sistemi ta' metraġġ intelliġenti,

## L-Erbgħa 26 ta' Meju 2016

- wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Ġunju 2008 bit-titolu "Lejn l-adozzjoni ta' Karta Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Konsumaturi tal-Enerġija" <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Settembru 2013 dwar "Lejn suq intern tal-enerġija effiċjenti" <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Marzu 2013 dwar il-pjan direzzjonali għall-Enerġija 2050, futur b'enerġija <sup>(3)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tal-4 ta' Frar 2014 dwar il-konsegwenzi lokali u reġjonali tal-iżvilupp ta' grids intelliġenti <sup>(4)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' April 2014 dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi – protezzjoni tal-konsumaturi fis-servizzi ta' utilità <sup>(5)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Diċembru 2015 bit-titolu "Lejn Unjoni Ewropea tal-Enerġija" <sup>(6)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-opinjoni tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (A8-0161/2016),
1. Jilqa' b'sodisfazzjon il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Inwasslu Patt Ġdid għall-Konsumaturi tal-Enerġija";
  2. Jenfasizza li dan ir-rapport iffoka esklużivament fuq il-konsumaturi domestiċi tal-enerġija fil-kuntest tat-tranżizzjoni tal-enerġija; jenfasizza li l-konsumaturi industrijali għandhom jitqiesu f'qafas separat;
  3. Jenfasizza li t-tranżizzjoni tal-enerġija li għaddeja bħalissa qed twassal għal ċaqliq lil hinn minn sistema ta' enerġija tradizzjonali bbażata fuq ġenerazzjoni ċentralizzata għal waħda iktar deċentralizzata, effiċjenti fl-użu tal-enerġija, flessibbli u bbażata ġeneralment fuq sorsi rinnovabbli tal-enerġija;
  4. Jiġbed l-attenzjoni dwar l-ispejjeż għat-tranżizzjoni għal disinn tas-suq ġdid f'ċerti Stati Membri; jistieden lill-Kummissjoni biex tiegħu kont dovut ta' dawn l-ispejjeż f'termini ta' affordability u kompetittività;
  5. Ifakkar li l-għan aħħari għandu jkun ekonomija bbażata, fuq l-użu sħiħ mill-prinċipju "energy efficiency first / first fuel" (l-effiċjenza enerġetika hija l-ewwel f'juwil); u permezz tal-prijoritizzazzjoni tal-iffrankar enerġetiku u tal-miżuri min-naħa tad-domanda fuq dawk min-naħa tal-provvista, sabiex jintlaħqu l-għanijiet tagħna dwar il-klima f'konformità max-xenarju ta' 1,5° tal-Ftehim ta' Pariġi, is-sigurtà tal-enerġija, il-kompetittività u b'mod speċjali kontinwament orħos għall-konsumaturi;
  6. Jemmen li, f'dan il-kuntest, l-Unjoni tal-Enerġija għandu jkollha l-interessi tal-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri taċ-ċittadini fil-qalba tagħha u għandha:
    - (a) tippovdi liċ-ċittadini b'enerġija stabbli, bi prezz raġonevoli, effiċjenti u sostenibbli, u prodotti, servizzi u bini ta' kwalità għolja fl-użu effiċjenti tal-enerġija;
    - (b) tagħti s-setgħa liċ-ċittadini biex jipproduċu, jikkunsmaw, jaħżnu u jkkumerċjalizzaw l-enerġija li tiġġedded tagħhom stess, individwalment jew kollettivament, biex jieħdu miżuri għall-iffrankar tal-enerġija, biex isiru parteċipanti attivi fis-suq tal-enerġija permezz tal-għażla tal-konsumaturi u biex ikun possibbli għalihom jipparteċipaw b'mod sikur u b'kunfidenza fir-reazzjoni għad-domanda; jemmen li, f'dan il-kuntest, għandu jkun hemm qbil dwar fehim komuni prattiku tad-definizzjoni ta' "prosumaturi" fil-livell tal-UE, permezz ta' proċess parteċipattiv iggwidat mill-Kummissjoni;

<sup>(1)</sup> ĠU C 286 E, 27.11.2009, p. 24.

<sup>(2)</sup> ĠU C 93, 9.3.2016, p. 8.

<sup>(3)</sup> ĠU C 36, 29.1.2016, p. 62.

<sup>(4)</sup> Testi Adottati, P7\_TA(2014)0065.

<sup>(5)</sup> Testi Adottati, P7\_TA(2014)0342.

<sup>(6)</sup> Testi Adottati, P8\_TA(2015)0444.

**L-Erbgħa 26 ta' Mejju 2016**

- (c) tikkontribwixxi għall-qerda tal-faqar enerġetiku;
- (d) tipproteġi lill-konsumaturi minn Prattiki abbużivi mhux kompetittivi u inġusti, minn atturi tas-suq u tippermettilhom jeżerċitaw bis-sħiħ id-drittijiet tagħhom;
- (e) toħloq kundizzjonijiet favorevoli biex ikunu żgurati l-funzjonament tajjeb u l-kompetittività ta' suq tal-enerġija intern li jipprovdi għażliet trasparenti u aċċess ċar għal informazzjoni lill-konsumaturi;

7. Iqis li l-eliminazzjoni gradwali tal-prezzijiet tal-enerġija regolati għall-konsumaturi għandha tqis il-livell reali tal-kompetizzjoni fis-suq fil-kuntest tal-Istrateġija tal-Unjoni tal-Enerġija li għandha tiżgura li l-konsumaturi jkollhom aċċess għal prezzijiet tal-enerġija sikuri;

8. Jemmen li, bħala prinċipju ġenerali, it-tranżizzjoni tal-enerġija għandha twassal għal sistema iktar effiċjenti, trasparenti, sostenibbli, kompetittiva, stabbli, deċentralizzata u inklużiva tal-enerġija li tibbenefika lis-soċjetà fit-totalità tagħha, iżżid l-involvement taċ-ċittadini u tal-atturi u l-komunitajiet lokali u reġjonali, u tagħtihom is-setgħa ta' sjieda jew ta' sehem fis-sjieda tal-produzzjoni, id-distribuzzjoni u l-ħżin tal-enerġija rinnovabbli, filwaqt li fl-istess ħin tipproteġi lil dawk l-aktar vulnerabbli u tiżgura li l-benefiċċji tal-miżuri tal-effiċjenza enerġetika u l-enerġija rinnovabbli jkunu disponibbli għalihom;

***Lejn suq tal-enerġija li jaħdem sew u li jkun ta' benefiċċju għaċ-ċittadini***

9. Iqis li, filwaqt li sar xi progress, l-għan tat-Tielet Pakkett dwar l-Enerġija li jkun hemm suq tal-enerġija tal-bejgħ bl-implimentazzjoni kompetittiva, trasparenti u favorevoli għall-konsumatur għadu ma ntlaħaqx b'mod sħiħ fl-Istati Membri kollha tal-UE, kif evidenzjat minn livelli persistentement għolja ta' konċentrazzjoni tas-suq, in-nuqqas milli jiġu riflessi l-ispejjeż bl-ingrossa li qed jaqgħu fil-prezzijiet bl-implimentazzjoni u livelli baxxi ta' bdil u sodisfazzjon min-naħa tal-konsumaturi;

10. Jemmen, għalhekk, li l-Kummissjoni jeħtieġ tidentifika u tiżviluppa iżjed indikaturi ta' swieq tal-enerġija li jaħdmu tajjeb u li huma attraenti għall-konsumatur; jissottolinja li dawn l-indikaturi għandhom iqisu, inter alia, l-impatt ekonomiku fuq il-konsumaturi tal-enerġija meta jibdlu l-fornituri tal-enerġija, l-ostakoli tekniċi għall-bdil tal-fornituri jew tal-pjan, u l-livelli tas-sensibilizzazzjoni tal-konsumaturi;

11. Jenfasizza li swieq irregolati tajjeb li huma miftuħa, trasparenti u kompetittivi huma importanti biex iżommu l-prezzijiet baxxi, jagħtu spinta lill-innovazzjoni, itejbu s-servizz u jneħħu l-ostakoli għall-mudelli innovattivi ġodda ta' negozju li jistgħu joffru valur tajjeb liċ-ċittadini, billi kemm jagħtuhom is-setgħa kif ukoll jgħinuhom jevitaw il-faqar enerġetiku;

12. Ifakkar li l-għażla tal-konsumaturi hija limitata fin-netwerks tad-distribuzzjoni minħabba n-natura tagħhom bħala monopolji naturali, jiġifieri li l-konsumaturi ma jistgħux jibdlu l-operatur tas-sistema tad-distribuzzjoni tagħhom; jenfasizza l-ħtieġa ta' monitoraġġ tas-suq adegwat tal-operaturi tan-netwerks tad-distribuzzjoni biex jipproteġi lill-konsumaturi minn żidiet f'salt fil-kontijiet tad-distribuzzjoni;

13. Iqis li l-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li l-benefiċċju taż-żieda fil-livell ta' interkonnnessjoni tan-netwerks nazzjonali ma jiġix trasferit lid-DSOs iżda jiġi mibdul b'mod dirett f'benefiċċji għall-konsumaturi finali; barra minn hekk iqis li t-titjib fil-livell ta' interkonnnessjoni tan-netwerks nazzjonali jrid ikollu effett pożittiv fuq il-prezz tal-enerġija għall-konsumaturi u, għalhekk, iċ-ċaqliq tal-benefiċċji lejn id-DSOs biss irid jiġi evitat;

14. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex b'mod rigoruż jiżguraw l-implimentazzjoni sħiħa tat-Tielet Pakkett dwar l-Enerġija, u jitlob li ssir ir-reviżjoni tagħha fil-forma ta' Disinn Ġdid tas-Suq tal-Enerġija biex jittieħed kont tarakkomandazzjonijiet li ġejjin fir-rigward tal-konsumaturi domestiċi:

- (a) jirrakkomanda titjib fil-frekwenza tal-kontijiet tal-enerġija u t-trasparenza u ċ-ċarezza kemm ta' kontijiet u kemm ta' kuntratti sabiex jgħinu l-interpretazzjoni u t-tqabbil; jinsisti li għandu jintuża lingwaġġ ċar, li jevita termini tekniċi; jitlob lill-Kummissjoni tidentifika rekwiżiti minimi ta' tagħrif f'dan ir-rigward, inklużi l-aħjar Prattiki; jenfasizza li kemm it-tariffi fissi kif ukoll it-taxxi u l-imposti għandhom jiġu identifikati b'mod ċar bħala tali fil-kontijiet, biex il-konsumatur ikun jista' jiddistingwihom b'mod faċli mill-ispiża varjabbli, relatata mal-konsum; ifakkar li jeżistu rekwiżiti għall-

## L-Erbgħa 26 ta' Meju 2016

fornituri biex, fil-kontijiet jew flimkien magħhom, jispeċifikaw il-kontribuzzjoni ta' kull sors ta' enerġija lejn it-taħlita ġenerali tal-fjuwil li jkun għamel il-fornitur matul is-sena ta' qabel, b'mod komprensibbli u komparabbli b'mod ċar, inkluża referenza għal-lok fejn tista' tinstab l-informazzjoni fuq l-impatt ambjentali, f'termini ta' emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> u skart radjuattiv;

- (b) jirrakkomanda l-ħolqien ta' one-stop-shop li jipprovdi l-informazzjoni rilevanti kollha sabiex il-konsumaturi jkunu jistgħu jieħdu deċiżjoni infurmata;
- (c) jirrakkomanda li l-operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni, peress li dawn ikollhom aċċess għall-konsum storiku tad-djar, kif ukoll l-operaturi ta' għodod ta' tqabbil indipendenti, jaħdmu flimkien mar-regolaturi tal-enerġija biex jeżaminaw kif l-aħjar ikunu jistgħu jipprovdu lill-konsumaturi bi tqabbil ta' offeriti sabiex jippermettu lill-konsumaturi kollha, anki dawk li m'għandhomx aċċess għall-internet jew il-ħiliet biex jużawh, isiru jafu jekk jistgħux jiffrankaw il-flus billi jibdlu;
- (d) jirrakkomanda l-iżvilupp ta' linji gwida għal għodod ta' tqabbil tal-prezzijiet sabiex ikun żgurat li l-konsumaturi jista' jkollhom aċċess għal għodod tat-tqabbil indipendenti, aġġornati u li jinftiehem; jemmen li l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw li jiżviluppaw skemi ta' akkreditazzjoni li jkopru l-għodod kollha tat-tqabbil tal-prezzijiet, skont il-linji gwida tas-CEER;
- (e) jirrakkomanda li jinħolqu pjattaformi ġodda biex iservu bħala Għodod tat-Tqabbil tal-Prezzijiet (PCTs) indipendenti biex jipprovdu ċarezza ikbar għall-konsumaturi fil-kontijiet; jirrakkomanda li tali pjattaformi indipendenti jipprovdu lill-konsumaturi b'taġgrif dwar il-perċentwal tas-sehem ta' sorsi ta' enerġija użat u d-diversi taxxi, imposti u żidiet fit-tariffi tal-enerġija b'mod komparabbli biex il-konsumatur jingħata s-setgħa li faċilment ifittex offeriti iżjed xierqa f'termini ta' prezz, kwalità u sostenibbiltà; jissuġġerixxi li dan ir-rwol jista' jkun ir-responsabbiltà ta' korpi eżistenti bħal dipartimenti nazzjonali tal-enerġija, regolaturi jew organizzazzjonijiet tal-konsumatur; jirrakkomanda l-iżvilupp ta' mill-inqas għodda waħda indipendenti bħal din għat-tqabbil tal-prezzijiet għal kull Stat Membru;
- (f) jirrakkomanda, sabiex tissaħħaħ il-kompetizzjoni bejn il-fornituri, li l-Istati Membri jiżviluppaw linji gwida, f'konsultazzjoni mal-operaturi ta' għodod ta' tqabbil tal-prezzijiet u gruppi tal-konsumaturi, biex jiżguraw li d-disinn mill-fornituri ta' tariffi differenti jippermetti tqabbil sempliċi, u tiġi evitata l-konfużjoni fost il-konsumaturi;
- (g) jirrakkomanda li l-konsumaturi għandhom jiġu mgħarrfa fl-kontijiet tal-enerġija jew flimkien magħhom dwar l-iktar tariffa xierqa u vantaġġuża għalihom, abbażi ta' mudelli ta' konsum storiċi, u li għandu jkun possibbli għall-konsumaturi biex imorru għal dik it-tariffa, jekk jixtiequ, bl-aktar mod sempliċi possibbli; jinnota li, minħabba li f'ħafna Stati Membri r-rati ta' tibdil huma baxxi, ħafna familji, speċjalment dawk l-aktar vulnerabbli, mhumiex involuti fis-suq tal-enerġija u huma mwaħħlin fuq tariffi mhux xierqa, skaduti u għaljin;
- (h) jirrakkomanda li jiġu studjati miżuri li jippermettu li l-prezzijiet bl-imnut jirriflettu aħjar il-prezzijiet bl-ingrossa u b'hekk titreġġa' lura x-xejra ta' proporzjon dejjem jiżdied ta' elementi fissi fil-kontijiet tal-enerġija, b'mod partikolari, it-taxxi u l-imposti u f'xi każijiet it-tariffi tan-network; jenfasizza d-diskrepanza bejn il-livelli ta' imposti u taxxi mħallsa mill-konsumaturi domestiċi u l-industrija;

15. Jemmen bis-sħiħ li s-siti tal-internet kollha tal-fornituri tal-enerġija u l-fatturazzjoni diġitali għandhom ikunu kompletament aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità u jissodisfaw ir-rekwiżiti rilevanti tal-Istandard Ewropew EN 301 549;

16. Jinsisti li d-dispozzjonijiet dwar il-bidla minn fornitur għal ieħor, kif stabbilit fit-Tielet Pakkett dwar l-Enerġija, għandhom jiġu implimentati bis-sħiħ mill-Istati Membri, u li l-leġiżlazzjoni nazzjonali għandha tiggarrantixxi lill-konsumaturi d-dritt li jbiddu l-fornitur b'mod rapidu, faċli u bla ħlas, u li l-possibbiltà li jbiddu m'għandhiex tiġi mxejnkla minn ħlasijiet jew penali ta' terminazzjoni; jinsisti li l-infurzar ta' dan id-dritt permezz ta' sorveljanza tas-suq u pieni effikaċi, proporzjonati u dissważivi huwa essenzjali u jappoġġja r-rakkomandazzjonijiet dwar il-bdil tal-ACER "Bridge to 2025";

**L-Erbgħa 26 ta' Mejju 2016**

17. Jemmen li skemi u kampanji ta' bdil kollettivi għandhom jiġu promossi sabiex jgħinu lill-konsumaturi jsibu offerta aħjar, f'dak li jirrigwarda kemm il-prezz kif ukoll il-kwalità; jenfasizza li skemi bħal dawn għandhom ikunu indipendenti, affidabbli, trasparenti, komprensivi u inklużivi, u li jilhqg wkoll lil dawk li huma inqas involuti; jissuġġerixxi li l-awtoritajiet lokali, ir-regolaturi, l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi u organizzazzjonijiet oħrajn mingħajr skop ta' qligħ huma f'pożizzjoni tajba biex jaqdu dan ir-rwol sabiex jiġu evitati Prattiki abbużivi;

18. Jinsisti li d-dispożizzjonijiet tad-direttivi dwar il-prattiki kummerċjali inġusti u d-drittijiet tal-konsumaturi dwar il-bejgħ fid-dar, it-termini jew il-prattiki inġusti u t-tekniki aggressivi ta' kummerċjalizzazzjoni jiġu implimentati u infurzati kif xieraq mill-Istati Membri sabiex jiġu protetti l-konsumaturi tal-enerġija, speċjalment dawk l-aktar vulnerabbli; jinnotta li l-ilmenti dwar il-bejgħ fid-dar żdiedu f'diversi Stati Membri;

19. Jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tikkunsidra li tinkorpora liġijiet li jikkonċernaw speċifikament l-enerġija fl-Anness tar-Regolament dwar Kooperazzjoni fil-Protezzjoni tal-Konsumaturi <sup>(1)</sup>;

***Niżguraw sistema tal-enerġija inklużiva billi ngħinu liċ-ċittadini jieħdu s-sjieda tat-tranżizzjoni tal-enerġija, jiproduċu l-enerġija rinnovabbli taqgħom stess u jsiru effiċjenti fl-użu tal-enerġija***

20. Jemmen li, fil-kuntest ta' sistema tal-enerġija li taħdem sew, l-awtoritajiet lokali, il-komunitajiet, il-kooperattivi, il-familji u l-individwi għandhom rwol kruċjali x'jaqdu, għandhom jikkontribwixxu sostanzjalment għat-tranżizzjoni enerġetika u għandhom ikunu inkoraġġuti jsiru produttori u fornituri tal-enerġija jekk jagħżlu li jagħmlu dan; isosti li, għal din ir-raġuni, huwa importanti li l-Unjoni Ewropea tadotta definizzjoni operattiva komuni ta' "prosumaturi";

21. Jistieden lill-Istati Membri jintroduċu skemi ta' kejl nett bil-meters sabiex jappoġġjaw il-ġenerazzjoni proprja u l-produzzjoni tal-enerġija kooperattiva;

22. Iqis li bidla sinifikanti fl-imġiba fost iċ-ċittadini se tkun importanti biex tinkiseb l-aħjar tranżizzjoni enerġetika; iqis li l-inċentivi u l-aċċess għal informazzjoni ta' kwalità huma kruċjali f'dan ir-rigward u jitlob lill-Kummissjoni biex tindirizza dan fi proposti futuri; jissuġġerixxi li l-edukazzjoni, it-taħriġ u kampanji ta' informazzjoni se jkun f'fatturi importanti sabiex iwasslu għal kambjament fl-imġiba;

23. Iqis li aċċess limitat għall-kapital u l-għarfien finanzjarju, spejjeż inizzjali sinifikanti tal-investment u perjodi estiżi ta' hłas lura jirrappreżenta l-ostakoli għall-użu tal-ġenerazzjoni proprja u ta' miżuri ta' effiċjenza enerġetika; jinkoraġġixxi mudelli ġodda tan-negozju, skemi tax-xiri kollettiv u strumenti finanzjarri innovattivi li jincientivaw l-awtoġenerazzjoni u l-awtokonsum u l-miżuri għall-effiċjenza fl-enerġija għall-konsumaturi kollha; jissuġġerixxi li dan għandu jsir objettiv importanti għall-BEL, il-FEIS, l-Orizzont 2020 u l-Fondi Strutturali, li l-korpi pubbliċi u l-atturi tas-suq għandhom jagħmlu użu sħiħ minnhom; itenni mill-ġdid li l-proġetti għandhom jiġu ffinanzjati fuq il-bażi ta' kosteffettività komparattiva filwaqt li jitqiesu l-għanijiet u l-obbligi nazzjonali u Ewropej dwar il-klima u l-enerġija;

24. Jitlob li jkun hemm skemi ta' rimunerazzjoni stabbli, suffiċjenti u kosteffettivi biex tiġi ggarantita ċ-ċertezza għall-investituri u jiddied l-użu ta' proġetti tal-enerġija rinnovabbli fuq skala żgħira jew medja filwaqt li jiġu mminimizzati d-distorsjonijiet tas-suq; jistieden, f'dan il-kuntest, lill-Istati Membri biex jagħmlu użu sħiħ mill-eżenzjonijiet de minimis previsti mill-linji gwida ta' għajnuna mill-Istat tal-2014; jemmen li t-tariffi tal-grid u tariffi oħra għandhom ikunu trasparenti u ma jiddiskriminawx, u għandhom jirriflettu b'mod ġust l-impatt tal-konsumatur fuq il-grid billi jevitaw hłas doppju, filwaqt li jiġi ggarantit finanzjament suffiċjenti għall-manutenzjoni u l-iżvilupp tal-grids ta' distribuzzjoni; jiddeplora l-bidliet retroattivi fi skemi ta' appoġġ rinnovabbli, kif ukoll l-introduzzjoni ta' taxxi jew tariffi punitivi u inġusti li jxekklu l-espanzjoni kontinwa tal-awtoġenerazzjoni; jenfasizza l-importanza ta' skemi ta' appoġġ imfassla tajjeb u validi

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru 2004 dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-infurzar tal-liġijiet tal-protezzjoni tal-konsumaturi, ĠU L 364, 9.12.2004, p. 1.



## L-Erbgħa 26 ta' Mejju 2016

anki għall-ġejjieni sabiex tiżdied iċ-ċertezza tal-investituri u l-valur għall-flus, u biex jiġu evitati bidliet bħal dawn fil-futur; jenfasizza li l-prosumaturi li jipprovdu l-grid b'kapaċitajiet ta' ħażna għandhom jiġu ppremjati;

25. Jirrakkomanda li jitnaqqsu għal minimu assolut l-ostakoli amministrattivi għal kapaċità ġdida tal-awtoġenerazzjoni, b'mod partikolari billi jitneħħew ir-restrizzjonijiet fuq l-aċċess għas-swieq u għall-grids; jissuġġerixxi li jiqsaru u jiġu simplifikati l-proċeduri tal-awtorizzazzjoni, pereżempju billi ngħaddu għal rekwiżiti ta' notifika sempliċi, filwaqt li jibqgħu rrispettati r-rekwiżiti legali kollha u jiġi żgurati li d-DSOs jiġu nformati; jissuġġerixxi li r-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli tista' tinkludi dispożizzjonijiet speċifiċi biex jitneħħew l-ostakoli u jiġu promossi skemi ta' enerġija tal-komunità/kooperattivi permezz ta' punti uniċi ta' servizz li jitrattaw il-permessi tal-proġetti u li jipprovdu kompetenza finanzjarja u teknika esperta, u/jew kampanji ta' informazzjoni speċifiċi fil-livell lokali u dak tal-komunità kif ukoll li jiġi ggarantit l-aċċess tal-prosumaturi għal mekkaniżmi alternattivi għas-soluzzjoni ta' tilwim;

26. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żviluppata qafas favorevoli, stabbli u ġust għall-inkwilini u dawk li jgħixu f'bini b'ħażna abitazzjonijiet, sabiex ikunu jistgħu jibbenefikaw ukoll mis-sjeda konġunta, mill-awtoġenerazzjoni u minn miżuri ta' effiċjenza enerġetika;

27. Jistieden lill-Kummissjoni biex iżżid l-appoġġ tagħha għall-Patt tas-Sindki, il-Bliet u l-Komunitajiet Intelliġenti u l-komunitajiet 100 % RES sabiex tkabbarhom u tiżviluppahom aktar bħala għodda għall-promozzjoni tal-awtoġenerazzjoni u miżuri ta' effiċjenza enerġetika, jiġi miġġieled il-faqar enerġetiku, jiġi ffaċilitat l-iskambju tal-aħjar prattiki bejn l-awtoritajiet lokali kollha, ir-reġjuni u l-Istati Membri, u jiġi żgurati li l-awtoritajiet lokali kollha jkunu konxji mill-appoġġ finanzjarju disponibbli għalihom;

### ***Nippromwovu l-iżvilupp ta' ġestjoni tar-reażjoni għad-domanda***

28. Jisħaq li sabiex tiġi iċċentivata d-domanda, il-prezzijiet tal-enerġija jridu jvarjaw bejn perjodi "peak" u "off-peak", u għalhekk jappoġġja l-iżvilupp ta' prezzijiet dinamiċi fuq bażi fakoltattiva, soġġett għal valutazzjoni bir-reqqa tal-impatti tagħha fuq il-konsumaturi kollha; jenfasizza l-ħtieġa li jintużaw teknoloġiji li jagħtu sinjali tal-prezzijiet li jippremjaw konsum flessibbli, u b'hekk jagħmlu lill-konsumaturi aktar reattivi; jemmen li t-tariffi għandhom ikunu trasparenti, komparabbli u spjegati b'mod ċar; jirrakkomanda analiżi ulterjuri dwar kif jistgħu jiġu stabbiliti u implimentati sistemi ta' tariffi progressivi u varjabbli, sabiex jiġi iċċentivat l-iffrankar enerġetiku, l-awtoġenerazzjoni, ir-rispons għad-domanda u l-effiċjenza enerġetika; ifakkar lill-Kummissjoni li fl-abbozzar tal-proposti leġiżlattivi li jmiss għandu jkun garantit li l-introduzzjoni ta' pprezzar dinamiku jkun akkumpanjat minn żieda fl-informazzjoni għall-konsumaturi;

29. Jemmen li l-konsumaturi għandu jkollhom aċċess faċli u fil-ħin għad-data tal-konsum tagħhom u l-ispejjeż relatati, sabiex ikunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet infurmati; jinnota li l-16-il Stat Membru biss impenjaw ruħhom għal tifrix fuq skala kbira tal-ismart meters sal-2020; jemmen li fejn jiġu introdotti l-ismart meters, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm qafas ġuridiku b'saħħtu biex jiżguraw li jintemm il-back-billing mhux ġustifikat u li jkun hemm tifrix li jkun effiċjenti u bi prezz li jista' jintlaħaq mill-konsumaturi kollha b'mod partikolari għall-konsumaturi li jbatu faqar enerġetiku; jinsisti li l-benefiċċji minn smart meters għandhom jinqas fuq bażi ġusta bejn l-operaturi tas-sistema u l-utenti;

30. Jenfasizza li l-iżvilupp ta' teknoloġiji intelliġenti għandu rwol ewlieni fit-tranżizzjoni tal-enerġija u jista' jgħin lill-konsumaturi jnaqqsu l-ispejjeż tal-enerġija tagħhom u jtejbu l-effiċjenza enerġetika; jitlob għal tnedija rapida tal-ICT, inklużi applikazzjonijiet mobbli, pjattaformi online u fatturar online; jenfasizza madankollu, li dan l-iżvilupp m'għandux iħalli li jaqgħu lura l-konsumaturi l-aktar vulnerabbli jew li huma inqas intiżi, u lanqas li jogħlew il-kontijiet tagħhom jekk ma jkunux ibbenefikaw b'mod dirett; jinnota li għandha tingħata assistenza speċjali lil dawn il-gruppi u li kwalunkwe effett li jibblokka, li jista' jxekkel il-ħila tal-konsumaturi li jagħżlu liberament bejn it-tariffi u l-fornituri għandu jiġi evitat;

31. Jenfasizza l-bżonn li jiġi ffaċilitat l-iżvilupp ta' tagħmir u grids intelliġenti li jawtomatizzaw l-amministrazzjoni tad-domanda għall-enerġija bi tweġiba għas-sinjali tal-prezzijiet; jinnota li t-tagħmir intelliġenti jeħtieġ jiżgura livelli għolja ta' protezzjoni tad-data u jkun interoperabbli, iddisinjat għall-benefiċċju tal-konsumatur finali u mġammar b'funzjonijiet li jtejbu l-iffrankar enerġetiku u jappoġġja l-iżvilupp tas-swieq għas-servizzi tal-enerġija u l-amministrazzjoni tad-domanda;

**L-Erbgħa 26 ta' Mejju 2016**

32. Jenfasizza li l-konsumaturi għandu jkollhom għażla ħielsa tal-aggregaturi u l-kumpaniji ta' servizz ta' enerġija (ESCOs) indipendentement mill-fornituri;

33. Jenfasizza li l-ġbir, l-ipproċessar u l-ħżin ta' data marbuta mal-enerġija taċ-ċittadini għandhom jiġu ġestiti minn entitajiet li jiġġestixxu l-aċċess tad-data b'mod mhux diskriminatorju u għandhom ikun konformi mal-qafas eżistenti tal-UE dwar il-privatezza u l-protezzjoni tad-data, li jstipula li l-konsumaturi għandhom dejjem jibqgħu jikkontrollaw id-data personali tagħhom u li dawn għandhom jiġu pprovduti biss lill-partijiet terzi bil-kunsens espliċitu tal-konsumaturi; iqis li, barra minn hekk, iċ-ċittadini għandhom ikunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom li jikkoreġu u li jħassru data personali;

***Nindirizzaw il-kawżi tal-faqar enerġetiku***

34. Jitlob koordinazzjoni msaħħa fil-livell tal-UE għall-għieda kontra l-faqar enerġetiku permezz tal-qsim tal-aħjar prattiċi fost l-Istati Membri u l-iżvilupp ta' sħubija wiesgħa, definizzjoni komuni tal-faqar enerġetiku, li tiffoka fuq l-idea li l-aċċess għal enerġija bi prezz raġonevoli huwa dritt soċjali bażiku;

35. Jinsisti li d-disponibbiltà u l-ġbir aħjar tad-data huma essenzjali sabiex tiġi evalwata s-sitwazzjoni u l-ghajnunha tiġi mmirata lejn iċ-ċittadini, il-familji u l-komunitajiet li jbatu minn faqar enerġetiku bl-aktar mod effettiv possibbli;

36. Jenfasizza l-importanza li f'dan il-qasam jitħeġġu s-sinerġiji kollha, b'mod partikolari dawk li jstgħu jitħaddmu bejn l-awtoritajiet lokali u l-operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni, li huma kapaċi jipprovdu informazzjoni massima dwar il-livell tal-faqar enerġetiku u jidentifikaw is-sitwazzjonijiet ta' riskju, b'rispett sħiħ tal-leġiżlazzjonijiet Ewropej u nazzjonali dwar il-protezzjoni tad-data;

37. Iqis li l-qafas ta' governanza tal-Unjoni tal-Enerġija għandu jinkludi objettivi u rappurtar mill-Istati Membri dwar il-faqar tal-enerġija, u li għandha tiġi żviluppata għodda ta' prattiċi tajba;

38. Iqis li l-miżuri ta' effiċjenza fl-enerġija huma ċentrali għal kwalunkwe strateġija kosteffiċjenti biex jiġi indirizzat il-faqar enerġetiku u l-vulnerabbiltà tal-konsumaturi, u huma komplementari għall-politiki ta' sigurtà soċjali; jitlob azzjoni biex jiġi żgurati li r-rinnovazzjoni ta' bini eżistenti b'effiċjenza fl-enerġija tiffoka aħjar fuq iċ-ċittadini li jbatu minn faqar enerġetiku fil-kuntest tar-reviżjoni tal-EPBD u tal-EED, b'mod partikolari l-Artikolu 7; jissuġġerixxi li għandu jiġi kkunsidrat objettiv għat-tnaqqis tan-numru ta' djar mhux effiċjenti fl-enerġija sal-2030, b'enfasi fuq proprjetajiet għall-kiri u akkomodazzjoni soċjali; jemmen li l-bini bi sjieda tal-awtoritajiet pubbliċi jew okkupat minnhom għandu jstabbilixxi eżempju f'dan il-qasam;

39. Jitlob li l-fondi tal-UE għall-effiċjenza fl-enerġija u l-appoġġ għall-ġenerazzjoni proprja jkunu ffukati iktar lejn konsumaturi bi dħul baxx u li jbatu minn faqar enerġetiku u jindirizzaw il-kwistjoni ta' inċentivi maqsuma bejn l-inkwilini u s-sidien;

40. Jemmen li, filwaqt li jiġu rispettati l-prattiki differenti fi Stati Membri, it-tariffi soċjali mmirati tajjeb huma vitali għal ċittadini vulnerabbli u b'introjtu baxx, u b'hekk jixraq li dawn jiġu promossi; iqis li kwalunkwe tariffa soċjali tali għandha tkun trasparenti għalkollox;

o

o o

41. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.